TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 89/15/F

**Shirley Deguara**

**vs**

**Cutajar Limited**

Illum 22 t'Ottubru, 2015

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-23 ta' April, 2015 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' ħamsa u disgħin ewro (€95), kif ukoll l-ispejjeż tal-kawża, u dan minħabba l-fatt illi minkejja li xtraw il-part għat-tiswija tal-*washing machine* u ġiet installata, xorta baqgħet bil-problema u għalkemm ħaduha fiżikament għand is-*servicing department* tas-soċjeta' ntimata jirriżulta li ma rawhiex, u wara l-problema ġiet solvuta billi giet imsewwija l-board il-qadima.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

L-intimat issottometta illi l-parts ma jiġux ippakkjati u li ma jagħtix garanzija fuq il-parts. Illi offra s-servizz ta' *technician* pero' bil-flus. Illi meta xi ħadd jixtri l-parts, dan jixtrihom għar-riskju tiegħu.

Dan l-argument għat-Tribunal mhuwiex aċċettabbli minħabba l-fatt illi jekk bniedem qed jixtri l-parts, dawn il-parts għandhom ikunu tajbin għalxiex qed jintużaw.

**It-Tribunal jinnota illi:**

*Di piu* t-Tribunal jinnota li waqt is-seduta r-rappreżentant tas-soċjeta' ntimata Matthew Cutajar kien arroganti ħafna u anke offenda lit-Tribunal billi heddu li kien se jagħmel rapport ukoll. Din l-attitudni mhix aċċettabbli u t-Tribunal kien waħlu disprezz ta' ħamsin ewro (€50).

Tenut kont ta' kollox pero' dana ma żvijax lit-Tribunal mid-deċiżjoni tiegħu. It-Tribunal huwa konvint illi jekk il-part ma kinitx taħdem tajba, s-soċjeta' ntimata għandha tħallas ta' dan in-nuqqas.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas l-ammont ta' ħamsa u disgħin ewro (€95), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**